**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 346/2023/1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Charlene Gatt**

**Illum, 8 ta' Frar ,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, **Charlene Gatt** detenur tal-karta tal-identita Maltija **254785M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Bejn ix-xahar ta' Ottubru 2021 sax-xahar ta' Frar 2022, b'diversi atti magħmula minnha, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Naqset milli tħares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Onor. Mag. Dr. Caroline Farrugia Frendo li bih tat il-ħelsien mill-arrest fid-digriet tagħha datat 29 ta' Novembru 2018 taħt diversi garanziji u dan bi ksur tal-Artikoli 42, 579(1),(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess perjodu, lok u ċirkustanzi, ikkommettiet reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, b'sentenza mogħtija nhar il-25 ta' Frar 2021 mill-Onor. Imħallef Dott. Aaron Bugeja, bi ksur tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
3. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkonsidra lil Charlene Gatt bħala reċidiva;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex tirrevoka *contrario imperio* id-digriet tal-ħelsien mill-arrest u ordnat l-arrest mill-ġdid tal-imsemmija Charlene Gatt, kif ukoll ordnat s-sommom ta' €10,000 bħala garanzija personali li ġew imposti fuqha sabiex jagħmlu tajjeb għal benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija **tikkunsidra** lil Charlene Gatt bħala reċidiva ai termini tal***-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta' Gunju,2023, sabet lill-imputata Charlene Gatt ħatja tal-ewwel (1) akkuża u t-tieni (2) akkuża kif dedotti kontra tagħha għaldaqstant;

- **Ikkundannat** lill-imputata għal piena ta' disa' (9) xhur priġunerija.

- Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 29 ta' Novembru tas-sena 2018.

- Ordnat l-arrest mill-ġdid tal-imputata Charlene Gatt;

- Ordnat li s-sentenza sospiża fit-tieni akkuża tibda fis-seħħ u dan ai termini tal-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Ordnat il-konfiska tal-ammont ta' ħamest elef ewro (€5000) mill-ammont aktar stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Charlene Gatt, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fis-27 ta' Ġunju 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellata ħatja tal-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha u minflok tiddikjaraha mhux ħatja tagħhom u konsegwentement TILLIBERAHA minn kull imputazzjoni jew sussidjarjament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-esponenti appellata ser tkun qiegħda tinterponi dan l-umli appell fuq dawn il-punti u cioe:

1. Illi l-esponenti appellata ser tkun qiegħda tinterponi dan l-umli appell mill-apprezzament tal-provi illi sar mill-Ewwel Onorabbli Qorti.
2. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-piena erogata fil-konfront tal-appellata u dan għaliex l-piena fil-konfront tagħha mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hija waħda eċċessiva;

A.**APPREZZAMENT ZBALJAT TAL-PROVI**

i. **L-Ewwel Aggravju**: In-nuqqas ta' konsiderazzjoni mogħtija lix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Godfrey Farrugia

Illi preliminarjament jiġi sottomess illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament korrett tal-provi miġjuba quddiemha, kemm mill-Prosekuzzjoni u kif ukoll mid-Difiża, u dan stante' illi fil-kunsiderazzjoni tagħha l-Onorabbli Qorti straħet biss fuq il-fatt illi l-esponenti naqset milli tiffirma l-għassa skond il-kundizzjonijiet tal-Ħelsien minn l-arrest.

Di piu' fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti, kellha tikkunsidra ukoll ix-xhieda mressqa mDifiża, u cioe' lil Psikjatra Dr. Godfrey Farrugia stante' illi l-Ewwel Qorti bħal donnu skartat ix-xhieda tiegħu.

<u>**Illi l-Psikjatra Godfrey Farrugia huwa xhud indipendenti fil-każ odjern stante' illi għalkemm huwa l-Psikjatra tal-esponenti huwa xhud imparzjali.**</u> Illi dan ix-xhud kien l-unika wieħed illi seta' jagħti spjegazzjoni xjentifika u **esperta rigward l-esponenti stante' illi ilu <u>jsegwieha għal iżjed minn ħmistax (15) il-sena.</u>**

Di piu, il-Psikjatra fisser f'dettall u b'ġurament is-sitwazzjoni tas-saħħa mentali tal-esponenti, illi sfortunatament ma hix waħda stabbli u lanqas ma hi waħda tajba. Fil-Fatt, Godfrey Farrugia, xehed illi huwa konxju u jaf li l-appellanta għandha problemi mediċi, soċjali u psikoloġiċi, filwaqt li kompla biex jgħid li pazjent jaf ikollu problemi psikoloġiċi tant li jkun hemm mumenti fejn l-istess pazjent ikollu problemi biex jifhem l-obbligi tiegħu u jimxi magħhom.

Illi jiġi umilment sottomess illi x-xhieda ta' Godfrey Farrugia, titkellem waħidha, kif ukoll titfa' d-dawl fuq il-possibilità' li l-imputata tant kienet fi stat ħażin bħala saħħa li ma kienitx kapaċi tifhem l-obbligi legali tagħha u ċioe dawk naxxenti mid-digriet datat 29 ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018).

Illi fl-umli fehma tad-difiża, ix-xhieda ta' Godfrey Farrugia għandha tingħata aktar valur probatorju fil-kuntest u ċirkostanzi tal-każ.

Illi dan peress illi filwaqt li l-Qorti għamlet aċċen għax-xhieda tiegħu, fil-parti dispożittiva tas-sentenza, fejn il-Qorti spjegat;

"...Illi din il-Qorti li semgħet ix-xhieda tat-Tabib **Dr. Godfrey Farrugia, hi taqbel ferm sew ma dak li qal fis-sens li jafu jeżistu ċirkostanzi fejn akkużat b'passat żvantaġġat jaf ikun affettwat b'tali mod li ma jkunx qiegħed jifhem il-konsegwenzi meta ma jaderixxi ma' obbligi imposti fuqu mill-Qrati..."**

Illi l-importanza tax-xhieda ta' Dr. Godfrey Farrugia ma ġietx riflessa fir-raġunament ta' l-Ewwel Qorti, li kompliet tispjega kif:

> *"...Illi fl-istqarrija tal-imputata hi tishaq u tammetti li kienet qieghda tiffirma l-bail book sa Settembru tas-sena 2021 pero' minhabba problemi medici waqfet. Il-Qorti tqis li din l-iskuza f'cirkostanzi normali taf tkun wahda sodisfacenti, izda din il-Qorti ssibha bi qtila biex temmen li bejn Ottubru tas-sena 2021 u Frar tas-sena 2022 l-imputata ma setghetx tara kif taghmel u taderixxi mal-kundizzjonijiet imposta fuqha mid-digriet datat 29 ta' Novembru"*

Illi bid-dovut rispett, ir-raġuni tal-Ewwel Qorti fid-deċide hija konfliġġenti, fejn l-ewwel, il-Qorti tat importanza lix-xhieda ta' Godfrey Farrugia u rrikonoxxiet ukoll illi 'akkużat b'passat żvantaġġat jaf ikun affettwat b'tali mod li ma jkunx qiegħed jifhem il-konsegwenzi meta ma jaderixxix ma obbligi imposti fuqu, iżda l-Qorti mbagħad, f'konflitt ma dak li kienet għadha kif tenniet, kompliet tgħid illi;

> ***"...Il-Qorti tqis li din l-iskuza f'cirkostanzi normali taf tkun wahda sodisfacenti, izda din il-Qorti ssibha bi tqila biex temmen li bejn Ottubru tas-sena 2021 u Frar tas-sena 2022 l-imputata ma setghetx tara kif taghmel u taderixxi mil-kundizzjonijiet"***

Illi hekk kif joħroġ mix-xhieda ta' PC826 Matthew Parnis, l-appellanta għamlet talba illi tara lit-tabib privat tagħha, u ċioe il-psikjatra Godfrey Farrugia, mas-surġent tal-lock-up u ċioe ma' PC1289 Andrei Cassar Bonaci- Din ix-xhieda hija indikattiva u

konferma ta' x-xhieda ta' Godfrey Farrugia kemm l-appellanta għandha bżonn għajnuna fil-forma ta' riabilitazzjoni stante illi piena karċerarja, ċertament mhux sejra tkun qegħda tgħin lil l-appellanta f'dan ir-rigward.

**ii. It-Tieni aggravju: Nuqqas ta' provi fil-konfront tal-esponenti appellata**

Illi minbarra l-fatt illi l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx u ma tatx biżżejjed importanza, lix-xhieda tal-Psikjatra, Godfrey Farrugia, l-Onorabbli Qorti ma setgħet QATT tkun konvinta minn kull dubju dettat mir-raġuni, illi filfatt il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest għadhom viġenti sal-lum il-ġurnata u dan stante' illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova dan.

Illi l-appellanta iġġib a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, illi fix-xhieda ta' Doreen Pickard, datata tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) bħala Deputat Reġistratur tal-Qorti, għalkemm preżentat vera kopja tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien minn l-arrest mgħotija fid-29 ta' Novembru tas-sena 2018 mil-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo, naqset milli tikkonferma taħt ġurament, illi dawn l-istess kundizzjonijiet u ċioe d-digriet innifsu, għadu viġenti, u kif ukoll ma tefgħet l-ebda dawl dwar il-fatt jekk dawn kundizzjonijiet QATT GEWX VARJATI.

Illi l-Uffiċjal Prosekutur fl-ebda ħin ma ikkonferma bil-ġurament illi d-digriet illi għandha l-esponenti tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest għadu viġenti sal-lum il-ġurnata; fis-sens illi filwaqt illi ikkonferma illi dak kien d-digriet li ingħata l-appellanta sabiex ħadet il-ħelsien mill-arrest tagħha, huwa fl-ebda ħin ma ikkonferma illi dan għadu vigenti sa dakinhar tad-data tal-akkuza. Illi konsegwentement isegwi, illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxielix tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, illi effetivament dan id-digriet kien u għadu vigenti.

In oltre l-uniċi provi illi ressaq l-Uffiċjal Prosekutur kienu billi ħarrek lil Doreen Pickard fil-kwalità' tagħha ta' Deputat Reġistratur sabiex sempliċiment tesebixxi d-digriet tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mgħotija lil appellanta fid-29 ta'

Novembru tas-sena 2018, iżda fl-ebda mument fix-xhieda tagħha ma ikkonfermat illi dawn il-kundizzjonijiet ma ġewx varjati matul is-snin.

Illi li kieku stess dawn il-kundizzjonijiet ġew varjati matul is-snin, xorta waħda l-onus probandi hija fuq il-Prosekuzzjoni illi tipprova lil hinn minn kull dubbju illi dawn il-kundizzjonijiet għadhom filfatt vigenti. Ix-xogħol tad-Difiża ma hux illi tasal fejn ma rnexxilhiex tasal il-Prosekuzzjoni bil-provi tagħha; iżda illi tilħaq il-grad tal-probabbilita', illi bid-dovut rispett jidher illi f'dan il-każ intlaħaq, stante' illi hemm dubju dettat mir-raġuni illi l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest fil-konfront tal-esponenti għadhom **kollha l-istess bħall-ewwel darba illi ingħataw.**

Illi bir-rispett kollu, il-kopja tal-kundizzjonijiet illi kienu ingħataw primarjament, liema kundizzjonijiet imorru sa ħames (5) snin ilu, ma għandhomx jitqiesu bħala l-aħjar u l-aqwa prova stante' illi l-aħjar prova kienet tkun xhieda ġuramentata tal-Uffiċjal Prosekutur tal-każijiet in kwistjoni jew ir-Reġistratur tal-Qorti.

Infatti, fil-kawża bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Paul Muscat**, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Joseph Mifsud nhar il-ħmistax 915) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> *Il-Prosekuzzjoni sostniet: "L-Prosekuzzjoni ezebit vera kopja tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest datati 8 ta' Frar 2011 u fejn l-istess proskuzzjoni giet ezentata mid-difiza sabiex tressaq lil ufficjal prosekutur s-Supretendent Dennis Theuma bhala xhud tal-identita'. Illi fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tal-24 ta' Mejju 2013 bi zvista gie ezebit biss il-verbal tal-prezentata minghajr ma gew ezebiti l-vera kopja tal-kundizzjonijiet u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghadha tiehu in konsiderazzjoni l-kondizjonijiet tat-8 ta' Frar 2011 biss"*

> *Id-difiza rribattiet: "L-ufficjal prosekutur qed jghid huwa stess li "bi zvista gie ezebit biss il-verbal tal-prezentata minghajr ma gew ezebiti il-vera kopja tal-kundizzjonijiet".Il-fatt li l-Prosekuzzjoni giet ezentata milli tressaq bhala xhud lill-Ispettur Dennis Theuma bhala xhud tal-identita' ma tistax taghmel tajjeb ghall-prova mankanti tal-kundizzjonijiet tal-bail, zgur li l-gudikant ma jistax jasal biex jara jekk kienx hemm xi kundizzjoni jew kundizzjonijiet tal-bail li gew miksura. Barra minn hekk, ix-xewqa espressa mill-prosekuzzjoni li "din l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-kundizzjonijiet tat-8 ta' Frar 2011 biss" mhix kompatibbli mal-principju legali "Quod non est in actis non est in mundo". Il-konkluzjoni dwar ksur ta' xi kundizzjoni trid tirrizukta mill-atti u mhux minn xi assunzjoni jew finzjoni jew presunzjoni. Ghalhekk, jekk il-prova ma tinstabx fil-process, l-imputazzjoni ma treggix u ma tistax tinstab htija." (...) Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-atti processwali u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.*

In oltre', fil-kawża bl-ismijiet Il-Pulizija vs Hussein Hamada, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) per il-Maġistrat Neville Camilleri nhar it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena kurrenti (2016), l-Onorabbli Qorti eċċepiet is-segwenti:

> ***F'dan il-kaz, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eccetra l-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proceduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu nghataw ikunu ghadhom pendenti fil-mument meta jkun gie allegat li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest.*** *Dan ghaliex fil-kaz li dawk il-proceduri kriminali jkunu gew mitmuma, jintemmu wkoll il-kondizzjonijiet marbuta maghhom- salv il-kaz t'appell mis-sentenza fejn jistghu jkunu ritenuti vigenti skont l-Artikolu 416(1A) tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz il-prova tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest ma ngabitx mill-*

*Prosekuzzjoni u ghalhekk* ***<u>il-Qorti ma tistax tassumi li ghadhom pendenti la darba din il-prova ma ngabitx fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti sejra ssib li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi u b'hekk ser tillibera lill-imputat minnha.</u>***

"Għaldaqstant, stante' illi l-Prosekuzzjoni naqset milli iġġib il-prova kemm tax-xhud tal-identità' u kif ukoll illi l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mogħtija dakinhar illi l-esponenti ingħata l-libertà' proviżorja. L-Onorabbli Qorti ma tistax tkun konvinta illi l-imputazzjoni fil-konfront tal-akkużat ġiet sodisfatta sal-grad rikjest mill-Liġi..."

**<u>iii. It-tielet Aggravju: Il-ksur tal-kundizzjoni illi l-esponenti naqset milli tirrapporta l-għassa.</u>**

Illi strettament mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, jiġi sottomess illi dato ma non concesso illi vera kien hemm ksur, il-Qorti skartat il-predisposta tal-Artikolu 412A subartikolu (3) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta naqset milli tikkonsidra l-allegat ksur bħala wieħed minimu.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment tirrileva illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell għandha teżamina bir-reqqa l-provi imressqa quddiem l-Ewwel Qorti kemm mil-Prosekuzzjoni u kif ukoll mid-difiża. Illi għalkemm il-Qorti tal-Appell ma tkunx mħeġġa tirrevoka sentenza tal-Ewwel Qorti. **IŻDA** f'ċerti sitwazzjoni dan ikollu jseħħ sabiex titwettaq ġustizzja. Illi kif ġie kwotat u ritenut fil-kawża bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Dustin Bugeja</u>** mogħtija nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena (2016), minn din l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Imħallef Edwina Grima;

*Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY dil-kawza "R.v. Copper"(1969) :- "assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very relictant to interfare with the jury's verdict ( f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet ragguni mill-Magistrat), because the jury will have had the advantage of seeingand hearing the witnesses, whereas the appeal court normally*

*determines the appeal on the basis of papers alone.However, should the overall feel to the case- including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcripts of the proceedings- leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, the, very exceptionally, a conviction will be quashed." (**Confer also: BLACKSTON'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p.1392)** Illi ghalhekk,"kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, il-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' lii w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi.*

**B. Piena Erogata**

Illi mingħajr preġudizzju għal dak kollu suespost, l-appellanta qedgħa tinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tagħha mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponenti umilment tirrileva illu l-piena mogħtija hija waħda eċċessiva u dan għar-raġunijiet segwenti;

Fil-kaz odjern l-Onorabbli l-ewwel Qorti mhux talli ikkonfiskat l-ammont ta' ħamest elef ewro (Eur 5,000) tal-appellanta, iżda wkoll ikkundannat lill-appellanta għal disa' xhur (9) priġunerija u kif ukoll irrevokat id-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-appellanta u ordnat l-arrest tagħha mill-ġdid. L-Onorabbli l-Ewwel Qorti, f'każ ta' ħtija kellha l-għażla illi la tikkundanna lill-appellanta għall-piena karċerarja u lanqas li tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tagħha. Hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tilqax it-talba tal-Prosekuzzjoni illi jiġi rrevokat id-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-akkużata.

In oltre, a rigward tal-konfiska tad-depożitu u tal-garanzija personali, l-esponenti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dustin Bugeja,** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti;

> Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-appellantiipprova iqarraq *mhux biss bil-pulizija izda ukoll bil-gustizzja meta huwa holoq messa in xena sabiex jipprova jahrab l-id tal-gustizzja fuqu.Madankollu maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tistax tinjora l-fehma espresso mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem in materja. Illi fil-kaz* ***Gatt vs Malta*** *deciza fis-27 ta'Ottubru 2010 (applikazzjoni numru 28221/08), iccitata mill-appellanti gie deciz hekk:"The court observes hat Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations. However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of condition was not of a serious nature. In the present case, where the condition breached referred to a curfew an was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities decision to apply the relevant Article. In this light, the Court finds it relevant to point out that in the absence of proper guidelines as to exercise of discretion under Article 579, or of a distinction between breaches of conditions relating to the primary purpose of bail and other considerations, Maltese law is deficient in that it can lead to arbitrary and disproportionate results".*

Illi dan il-ħsieb tal-Qorti Ewropeja ġie imbagħad applikat fil-kawża **;"John Grima vs Avukat Ġenerali"** deċiża fis-16 ta' Marzu 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ingħad;

***"... meta jigi ppruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu, ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita' tal-kaz, ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti ( kif hi tistabilixxi) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta. B'dan il-mod, il-Qorti tkun tista' Tevita li jirrizultaw" elements of shocking disproportionality" li kien wara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Lawrence Gatt imsemmi, u dan konformament ma' dak li jrid l-Artikolu 5(1)(b)tal-konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li trid li ghandu jkunhemm element ta' proporzjonalita' bejn il-privazzjoni tal-liberta' u t-twettiq tal-obbligu preskritt mil-ligi.***

***Kif inhi l-ligi taghna la hemm "ceiling" ta' kemm wiehed jista' jehel prigunerija, u lanqas hemm mod kif tigi assessjata l-proporzjonalita."***

Illi ssir referenza ukoll għas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**, fejn il-Qorti spjegat li:

> "Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta' fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun..."

"Skop iehor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjeta' dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reat

gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena."

Illi huwa propju għalhekk illi għal kull reat il-Liġi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond iċ-ċirkostanzi ta' kull każ, tipprova ssib dak il-bilanċ ġust bejn d-diversi skopijiet li għandhom jintlaħqu.

Illi inoltre fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Abela** deċiża mill-Imħallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal:

Illi bosta drabi l-Qrati fuq il-bżonn ta' piena li għandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi deċiżjonijiet, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Spiteri** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

> *'...illi l-iskop tal-ligi krimiali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti,* ***pero illum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' Sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibli u safejn hu possibli,u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz...'***

Jingħad ukoll li, filwaqt li ġudikant, fil-għoti tal-piena, għandu jieħu kont tal-impatt tar-reat fuq is-soċjeta' u tar-reazzjoni tas-soċjeta' għal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-imputat). Illi in oltre l-esponenti tagħmel referenza għall-ktieb bl-isem ta' *Principles of Sentencing* (Heinemann, London,1979), ta' David Thomas fejn intqal illi:

> "The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, **probation is used to deal with recidivists of mature age** as well as the young and those of good character2 (p.236)

Illi inoltre', qiegħda ssir referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu 2014, fil-kawża bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Urry,** f'liema deċiżjoni l-Qorti tenniet;

F'dan il-każ, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerġa jiġi kkundannat għal piena karċerarja oħra fuq reat li huwa ammetta għalihom u li seħħew aktar minn sitt snin wara li ġew kommessi, sejjer ikun qiegħed imur għal-aħjar f'ħajtu. (...)

...din il-Qorti lesta li tieħu r-riskju u **li minflok terġa tikkundanna lill-imputat għal piena oħra ta' priġunerija, bi ħsiebha li tqegħdu taħt ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jiġi segwit barra l-konfini tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tgħallem xejn(...).**

Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliett effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:

a) Retributtiv;
b) Preventiv;
c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

A. **L-aspett retributtiv tal-piena** huwa, skond il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati

jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwilita' taghha.

B. **L-aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tistqarr sew il-konsegwenzi t'għemilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabillixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażżna milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fatti specie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta milli jiddeżistu ghax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kolletivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess.

C. **L-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena**, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiv tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta'

riforma tiegħu nnifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

Fl-isfond ta' dan kollu, jerġa jiġi umilment sottomess illi la darba anke persuna reċidiva, b'diversi kundanni preċendenti, tingħata opportunita oħra, u dan bil-għan aħħari li ma tiġix imposta piena karċerarja, l-istess għandu jkun fil-każ ta' l-appellanta.

Rat l-atti tal-kawża u l-fedina aġġornata tal-appellanti.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell u dan fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2023.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Rat ix-xhieda li instemgħet quddiem l-ewwel Qorti u fliet l-atti tal-proċess u dan sabiex tara jekk l-ewwel Qorti waslitx għal ġudizzju *safe and satisfactory*.

**Dr Godfrey Farrugia**_xehed nhar it-28 ta' Frar 2022 u spjega li huwa ma kienx jaf li Charlene Gatt pazjenta tiegħu kienet imfittxija mill-Pulizija u li naqset li tmur tiffirma l-għassa. Spjega li ċ-ċertifikat li ġie muri huwa Health Status Certificate. Qal li ilu jaf lil Charlene għal iktar minn ħmistax-il sena u jaf il-problemi soċjali u psikoloġiċi tagħha ukoll. Qal li jaf li tmur għand id-Detox ukoll għall-għajnuna. Spjega illi huwa jaħdem tnax-il siegħa fil-ġimgħa u għalhekk ġili Charlene marret il-clinic u sabet lil Dr Mazzola floku. Qal li profesjonalment jipprova jgħinha u riċentement kellha problema fuq in-naħa ta' wara privat tagħha u għalhekk kien diffiċli għaliha timxi kif suppost. Jgħid li huwa ħareġ dan iċ-ċertifikat fuq talba tal-pulizija tal-lock up. Ikkonferma li kien hemm żmien fil-passat aktarx is-sena ta' qabel fejn kien iċċertifikaha li ma setgħetx tmur tiffirma l-għassa iżda mhux riċentement. F'dik is-sena 2022 ma kienx raha. Jgħid li Chalrene tfittex il-klinika fejn jipprattika hu bħal refuġju mediku tagħha għaliha u għal uliedha. Ikkonferma li mit-22 ta' Diċembru 2021

sat-8 ta' Jannar 2033 kien imsifer u għalhekk żgur li ma rahiex. Qal li jekk għamel ċertifikat mediku lil Chalrene kien f'Ottubru 2021 u wara dak ma kienx hemm ieħor.

Jikkonferma li f'Ottubru kien raha minħabba problem relatati ma' abbuż ta' sustanzi u peress li uliedha jinsabu f'Istitut jgħinha psikoloġikament. Mistoqsi jekk bil-kundizzjoni li kellha setgħetx tmur tiffirma jgħid li minħabba it-turmoil li tkun għaddejja minnha hemm xi drabi meta lanqas tkun taf minn xiex tkun għaddejja. Tgħidlu li meta ikollha l-konsultazzjoni rari toħroġ mid-dar. Ikun hemm ġranet meta l-pazjenta tonqos milli tagħmel dak mistenni minnha u b'hekk tonqos li issegwi l-obbligi tagħha. Għalkemm huwa dejjem insista magħha li għandha tirrispetta l-liġi.

**Doreen Pickard** xehdet nhar it-2 ta' Mejju 2022 u esebiet kopja vera tal-*bail conditions* mogħtija nhar id-29 ta' Novembru, 2018 mill-Maġistrat Dr Caroline Farrugia Frendo. Dan id-dokument ġie mmarkat bhala dok DP1.[1]

**PS 826 Matthew Parnis** xehed nhar it-2 ta' Mejju 2022 u spjega li kellu nhar l-24 ta' Frar 2022 kien ġie nfurmat mill-Ispettur Godwin Scerri li kellu bżonn ikellem lill Charlene Gatt. Dak il-ħin kienet tinsab ġewwa l-lock up tal-pulizija u minħabba li kien hemm nuqqas ta' nies ma kienx hemm ix-xuffier dak il-ħin huwa wassal l-kollega tiegħu femminili sabiex imorru jiġbruha.

Meta waslu l-lock up ġew infurmati mis-surġent PS1289 li Charlene Gatt riedet tkellem tabib u qalli ukoll li riedet tkellem lit-tabib tagħha u qabel ma ħaduha għand l-Ispettur eskoratw lil Charlene għand Dr Godfrey Farrugia u kellu l-clinic ġewwa spiżerija Ħaż Żebbuġ. Dakinhar kull ma qalilna hu li Charlene kienet invistat tabib partikolari għax hu kien jaf l-istorja tagħha. Huma għalhekk baqgħu sejrin biha l-għassa tal-pulizja tal-Mosta.

**PS 1289 Andrei Cassar** xehed nhar it-2 ta Mejju 2022 u spjega li nhar l-24 ta' Frar 2022 għall-ħabta tal-11.45 a.m kellu lil Charlene Gatt arrestata fuq breach of bail u din talbitu biex tara tabib biex jgħamillha ċertifikat. Fil-fatt jgħid li xtaqet titkellem ma' Dr Godfrey Farrugia u quddiemu talbitu ċertifikat lura minn Settembru. It-tabib xtaq ikellmu, u spejgalu li kienet arrestata fuq *breach of bail* u qallu li Gatt riedet ċertifikat

[1] Fol. 37 tal-process

sa minn Settembru. It-tabib wieġbu li seta' joħroġ ċertifikat għal ġimgħa l-iktar. Għalhekk l-pulizija tal-għassa tal-Mosta marru l-lock up ġabru lil Gatt u akkompanjawha għand it-tabib. Ikkonferma li Gatt kienet ilha ma tiffirma minn Settembru 2022.

**PC 1002 Annabelle Cauchi** xehdet nhar it-2 ta' Mejju 2022 u kkonfermat li dakinhar tal-24 ta' Frar 2022 kienet orderly ġewwa l-għassa tal-Mosta. Filgħodu kien hemm is-surġent u qallha li għandu bżonnha għal skorta għal waħda li kienet il-lock up u għalhekk marru għaliha. Tgħid li l-arrestata xtaqet li tmur għand it-tabib tax-xewqa tagħha Dr Godfrey Farrugia u huma akkompanjawha s'għandu. Wara reġgħu ħaduha l-għassa tal-pulizija tal-Mosta għax xtaq ikellimha l-Ispettur Godwin Scerri.

**Stephania Calafato Testa** xehdet nhar it-22 ta' Novembru 2022 u ppreżentata sentenza mogħtija fl-ismijiet **'il-Pulizija vs Charlene Gatt'** mill-Qorti tal-Appelli Kriminali per Imħallef Dr Aaron Bugeja nhar il-25 ta' Frar 2021 u din ġiet mmarkata bħala Dok SCT1.[2]

**Spettur Godwin Scerri** xehed nhar it-23 ta' Frar 2023 u spejga li Charlene Gatt kienet ġiet mogħtija l-ħelsien mill-arrest nhar id-29 ta' Novembru 2018 f'kawża fejn kienet ġiet akkużata li kkawżat ferita ta' natura gravi ġewwa San Pawl il-Baħar. Wahsa mill-kundizzjonijiet ta' dan id-digriet kienet li kellha tiffirma l-għassa ta' Ħaż Żebbuġ u ċioe fid-distrett fejn kienet residenti. Iżda għal xi raġuni mhux mgħarfa din kienet waqfet ħesrem milli tiffirma l-għassa. Din waqfet milli tiffirma f'Ottubru 2021 u baqgħet ma tiffirmax sakemm instabet meta imbagħad tressqet il-Qorti u ġiet akkużata bi ksur tal-bail. Huwa ppreżenta bail books enumerat numru 61 mill-għassa tal-Ħaż Żebbuġ fejn jirriżulta n-nuqqas ta' firma tagħha. Dan ġie mmarkat bħala Dok GS4.[3]

Jgħid li Charlene ġiet arrestata u spjegata ir-raġuni għall-arrest tagħha u ċioe li hija naqset li tiffirma il-*bail book.* Nhar l-24 ta' Frar 2022 wara li ngħatat id-drittijiet legali tagħha għażlet li ma tikkomunikax ma' Avukat ta' fiduċja tagħha. Hija ffirmat il-waiver f'dan ir-rigward. Huwa ippreżenta kopja ta' din il-*waiver* li ġiet mmarkata

[2] Fol. 64 ta l-atti
[3] Fol. 99 tal-atti.

bħala Dok GS5[4], l-istqarrija tagħha li ġiet mmarkata bħala Dok GS6, kopja fotostatika tal-bail conditions li kienet ingħatat nhar id-29 ta' Novembru 2018 li ġiet mmarkata bħala Dok GS7[5] u kopja tal-fedina penali tagħha mmarkata bħala Dok GS8[6].

Qal li fl-20 ta' Frar 2023 Charlene Gatt kienet ġiet ssentenzjata fuq din il-kawża fejn kienet akkużata li kkaġunat feriti ta' natura gravi ġewwa San Pawl il-Baħar u ġiet sentenzjata erbgħa snin u erbgħa xhur priġunerija. Ippreżenta sentenza oħra mogħtija minn din l-Qorti nhar il-25 ta' Frar 2020 li ġiet mmarkata bħala Dok GS 9 a fol. 117 tal-atti.

Waqt l-istqarrija kien mistoqsija għalfejn kienet waqfet tiffirma ħesrem u b'hekk naqset li tobdi l-kundizzjoni impost fid-digriet meta ingħatat l-liberta provisorja hija saħqet għax ma kinitx tiflaħ pero minn naħa tal-korp tal-pulizija huma qatt ma irċevew l-ebda ċertifikat jew informazzjoni oħra minkejja li saru diversi tentattivi id-dar tagħha biex ikellmuha.

Minn eżami ta' dan il-bail book jirriżulta li Charlene Gatt waqfet tiffirma fit-2 ta' Ottubru 2021 u ma reġgħetx iffirmat sal-20 ta' Frar 2022 żgur.

**<u>Ikkunsidrat</u>**.

Fl-ewwel lok l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma tatx kunsiderazzjoni ta dak li xehed Dr Godfrey Farrugia. Jingħad in primis kuntrarjament għal dak li qal l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu Dr Godfrey Farrugia ma hux psikjatra iżda huwa tabib tal-familja dak li bl-Ingliż jissejjaħ General Practioner. Dan it-tabib meta xehed qal li jaf lill-appellant b'mod professjonali u soċjali u ilu jafha għal divesi snin. Qal ukoll li kien qed inaqqas mix-xogħol tant li kien qed jaħdem bejn 10 u 12 il-siegħa fil-ġimgħa. Ikkonferma li kien ra lill-appellanta l-aħħar f'Ottubru 2022 u ma reġgħax raha u meta ra kienet ġja taħt arrest fil-kumpanija tal-pulizija. Huwa qatt u fl-ebda ħin ma taha xi spjega għaliex l-appellanti naqset milli tiffirma l-bail book l-għassa għal dak

[4] Fol. 100 tal-atti
[5] Fol. 102 tal-atti
[6] Fol. 104 et seq tal-atti

iż-żmien kollu u ċioe għall-perijodu ta' ħames xhur. Qal li sa fejn jaf hu l-appellanti kellha problem minħabba abbuż ta' sustanzi illeċiti u problemi li jirrigwardaw it-tehid tat-tfal mingħanda tant li llum jinsabu fi stitut. Imkien ma qal u ta xi ġustifikazzjoni għaliex l-appellanti naqset li tiffirma l-bail book u għalhekk l-ewwel Qorti ma tantx kellha xi tgħid dwar ix-xhieda ta' dan it-tabib.

Fl-istqarrija tagħha l-appellant tammetti li naqset li tiffirma l-bail book u tgħid minħabba problemi mediċi pero x'inhuma dawn il-problemi li impeduha sabiex tiffirma ma tgħidx. Illi għalhekk dan l-aġir tagħha ma jistax jiġi ġustifikat.

Fit-tieni aggravju l-appellant tistqarr li hemm nuqqas ta' provi fil-konfront tal-esponenti appellata. Bla skond ix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Godwin Scerri l-appellanti kienet għaddejja proceduri quddiem il-Qorti akkużata fuq ir-reat ta' kaġunar ta' feriti gravi fuq persuna ġewwa San Pawl il-Baħar u li ngħatat l-ħelsien mill-arrest nhar id-29 ta' Novembru 2018 u li fost il-kudizzjonijeit hemm indikati hija kellha tiffirma l-għassa tal-pulizija ta' Ħaż Żebbuġ fejn kienet resident hi.

Illi mill-provi prodotti u ċioe minn eżami tad-dokument GS7 li huwa digriet mogħti mill-Qorti nhar id-29 ta' Novembru 2018 hemm kundizzjoni li l-appellanti kellha tiffirma l-għassa tal-pulizija ta' Paola kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, u Ġimgħa bejn is-7.00 a.m u is-7.00p.m. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużżjoni li dan id-digriet huwa l-istess digriet li kien qed jagħmel referenza għalieh l-Ispettur Godwin Scerri fix-xhieda tiegħu għaliex imkien ma hemm indikat li l-appellanti kellha tiffirma l-bail book ġewwa **<u>Haz Zebbug</u>**[7]. In olte din il-Qorti ma tistax lanqas tgħid li dan id-digriet ingħata f'dawk il-proċeduri li kienu qed jinstemgħu fil-konfront tal-appellant rigward ir-reat ta' kaġunar ta' feriti gravi fuq persuna ġewwa San Pawl il-Baħar.

Illi l-prosekuzzjoni fl-ebda hi ma ressqet xi prova sabiex tindika li minkejja li d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 29 ta' Novembru 2018 kien ġie modifikat sabiex l-appellanti ma tiffirmax Paola izda Ħaż Żebbuġ. Il-bail book li ġie esebit fl-atti jirreferi għall-iffirmar gewwa Ħaż Żebbuġ waqt li d-digriet tal-ħelsein tal-arrest esebit fl-atti datat 29 ta' Novembru, 2018 jirreferi għall-iffirmar ġewwa Paola.

[7] Enfasi ta din il-Qorti

Dwar l-akkuża tar-reċidiva din il-Qorti ma tistax tagħti kasha stante li l-Qorti qegħda tiddikjara li ma ssibx lill-appellanti ħatja tal-akkuża prinċipali ta' ksur ta' kundizzjoni imposta fid-digriet tal-liberta provisorja.

Għalhekk din il-Qorti ma tistax tabbraċċja il-konklużjonijiet raġġunti mill-ewwel Qorti u b'hekk qegħda tilqa' l-appell tal-appellant u tiddikjara lill-appellanti mhux ħatja tal-akkużi u tilliberaha minnhom.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imħallef**